# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tad-9 ta´ Novembru 2023**

**Talba nru. 269/2020**

**FARM MEAT MARKET LTD (C 75150)**

***VERSUS***

**JOHN MARY CARUANA (I.D. 438361 (M)) U**
**ADR CATERING LIMITED (C 49688)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta´ Novembru 2020 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ erbat elef u sitt mija u disgħa u tletin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4639.47) rappreżentanti prezz tal-laħam u oġġetti oħra varji mogħtija mis-soċjeta´ attriċi lis-soċjeta´ konvenuta u l-konvenut bl-ispejjeż tal-presenti u tal-mandat ta´ sekwestru intavolat kontestwalment.

Ra illi fit-23 ta´ Novembru 2020 is-soċjeta´ konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 7).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ma ppreżentat ebda risposta b´dan illi waqgħet fi stat ta´ kontumaċja. (a fol. 8).

Ra illi fl-20 ta´ Frar 2021 il-konvenut John Mary Caruana ġiet debitament notifikata (a fol. 11).

Ra illi fil-25 ta´ Frar 2021, il-konvenut John Mary Caruana xehed pero´ qatt ma ppreżenta ebda risposta (a fol. 13).

Ra illi fil-25 ta´ Frar 2021, l-avukata tas-soċjeta´ attriċi infurmat lit-Tribunal illi seta´ jkun

hemm il-possibilita´ ta´ transazzjoni bejn il-partijiet (a fol. 13).

Ra illi fit-13 ta´ Lulju 2021, is-soċjeta´ attriċi talbet differiment fit-tul sabiex fil-mori tad-differiment wieħed jara jekk il-konvenuti ikunux ħallsu lis-soċjeta´ attriċi (a fol. 26).

Ra illi fis-6 ta´ Diċembru 2021, dan it-Tribunal kien infurmat illi kienu qed isiru diversi pagamenti u ntalab differiment ieħor (a fol. 27).

Ra illi fid-19 ta´ Jannar 2023, is-soċjeta´ attriċi ppreżentat nota ta´ riduzzjoni b´dan illi l-ammont dovut mill-konvenuti lis-soċjeta´ attriċi skond din it-tali soċjeta´ attriċi kien fl-ammont ta´ elf tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1889.47) (a fol. 36 sa 39)

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fid-19 ta´ Jannar 2023, is-soċjeta´ attriċi għalqet il-provi u nfurmat lit-Tribunal illi l-pagamenti waqfu (a fol. 36).

Ra illi l-konvenut John Mary Caruana xehed tul il-proċess u ma deherx għas-seduti kollha b´dan illi jidher illi ma kienx hemm l-interess.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Il-ftehim bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenut u/jew is-soċjeta´ konvenuta kien ċar b´dan illi meta xehed il-konvenut John Mary Caruana (a fol. 15 u 16) hu qal "*Dawk hadnihom vera. Ihallsu hu, imma rridu naqra cans ghal issa ghal bhal issa qeghdin kwazi wieqfin. Imma lest li nirranga jigifieri, mhux biex...*" u allura l-konvenut ammetta illi l-ammont kollu li kien qed jintalab mis-soċjeta´ attriċi kien verament dovut, b´dan illi biss pero´ f´dan l-istadju ma kienx ċar jekk l-ammont hux dovut mill-konvenut jew is-soċjeta´ konvenuta.

Is-soċjeta´ hija persuna legali fiha nnifisha

Il-mistoqsija li tqum hi jekk hux is-soċjeta´ konvenuta jew il-konvenut John Mary Caruana hu responsabbli għal tali ħlas peress illi ż-żewġ konvenuti kienu fit-tali talba b´dan illi pero´ is-soċjeta´ konvenuta hi persuna legali distinta mill-konvenut John Mary Caruana, illi hu wieħed miż-żewġ diretturi u wieħed miż-żewġ soċji ta´ tali soċjeta´ konvenuta u dan skond

l-artikolu 4 (4) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta´ Malta.

L-ewwel *invoice* datata sas-16 ta´ Marzu 2020 ippreżentata mis-soċjeta´ attriċi fl-avviż tat-talba taqra EDA Kebab (a fol. 2) b´dan illi tali *invoice* ma ssemmix isem is-soċjeta´ konvenuta filwaqt illi l-ftehim bejn il-partijiet datat 16 ta´ Marzu 2020 jaqra s-soċjeta´ attriċi u s-soċjeta´ konvenuta (a fol. 24). Dan il-punt kien iċċarat minn Janice Azzopardi, rappreżentanti tas-soċjeta´ attriċi meta xehdet illi "*Ix-xoglijiet dan huwa xoghol ta´ laham sewwa?, li huwa business ta´ EDA KEBAB li hua John Mary Caruana...Huwa business operat minn ghandu...Minn ghand John Mary Caruana...EDA Kebab, sorry, taqa´ taht ´ADR Catering*" (a fol. 22 sa 22). Ukoll, għal kull buon fini, qiegħed ukoll jingħad illi meta xehed il-konvenut John Mary Caruana, dan it-Tribunal staqsieh sabiex jirrispondi għal ADR Catering Limited (a fol. 15) b´dan illi John Mary Caruana ma nnegax l-ammont dovut għalkemm f´moħħu jidher illi qatt ma għamel distinzjoni bejn is-soċjeta´ konvenuta u hu nnifsu.

B´dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal jikkonkludi illi hija s-soċjeta´ konvenuta responsabbli għall-ammont dovut u mhux il-konvenut John Mary Caruana.

Il-kontumaċja tas-soċjeta´ konvenuta

Jidher mill-proċess illi s-soċjeta´ konvenuta ma ressaq ebda risposta u/jew kontro-talba b´dan illi jwassal illi s-soċjeta´ konvenuta hi fi stat ta´ kontumaċja.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta attriċi da parti tas-soċjeta´ konvenuta iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm is-soċjeta´ konvenuta baqgħet kontumaċja, dan ma jfissirx li hija abbandunat kull eċċezzjoni li seta´ghamlet fil-kawża u ammettiet it-talba għall-ħlas. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tas-soċjeta´ konvenuta (ara **Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza **Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista'

> tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:
>
> "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

Biss pero´ f´dan il-każ, it-Tribunal hu tal-fehma illi s-socjeta attriċi ppruvat it-talba tagħha sal-grad rikjest mil-Liġi stante illi ppreżentat l-*invoice* datata sas-16 ta´ Marzu 2020 (a fol. 2) u l-ftehim bejn il-partijiet datat 16 ta´ Marzu 2020 (a fol. 24).

<u>L-iffirmar tal-kuntratt minn John Mary Caruana għan-nom tas-soċjeta´ konvenuta</u>

Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi John Mary Caruana hu wieħed miż-żewġ diretturi tas-soċjeta´ konvenuta b´dan illi kellu d-dritt illi jiffirma għan-nom tas-soċjeta´ konvenuta u kwalunkwe limitazzjoni fuq is-setgħat tal-bord tad-diretturi ma tinġiebx bħala prova kontra terzi u dan skond l-artikolu 137 tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta´ Malta.

<u>It-talba għall-ħlas mis-soċjeta´ konvenuta lis-soċjeta´ attriċi</u>

Filwaqt illi t-talba datata fl-10 ta´ Novembru 2020 hija ta´ erbat elef u sitt mija u disgħa u tletin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4639.47), fid-19 ta´ Jannar 2023, is-soċjeta´ attriċi ppreżentat nota ta´ riduzzjoni għall-ammont ta´ elf tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1889.47), b´dan illi dan l-ammont hawnhekk indikat għandu jitqies bħala l-ammont finali u illi s-soċjeta´ attriċi ppruvat illi hu dovut. Is-soċjeta´ konvenuta kellha diversi opportunitajiet sabiex tidher quddiem it-Tribunal u tagħti l-verżjoni tagħha, b´dan illi allura l-ammont dovut lis-soċjeta´ attriċi mhux kontestat.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ attriċi għall-ammont ta´ elf tmien mija u disgħa u tmenin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1889.47) illi huma dovuti mis-soċjeta´ konvenuta u mhux mill-konvenut John Mary Caruana. L-ispejjeż gudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta´ konvenuta, inkluż tal-mandat ta´ sekwestru jekk kemm-il darba tali mandat hu f´isem is-soċjeta´ konvenuta u mhux f´isem il-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur